TRIBUNAL DE PRIMERA INSTANCIA DE LAS COMUNIDADES EUROPEAS
SOUD PRVNÍHO STUPNĚ EVROPSKÝCH SPOLEČENSTVÍ
DE EUROPÆISKE FÆLLESSKABERS RET I FØRSTE INSTANS
GERICHT ERSTER INSTANZ DER EUROPÄISCHEN GEMEINSCHAFTEN
EUROOPA ÜHENDUSTE ESIMESE ASTME KOHUS
ΠΡΩΤΟΔΙΚΕΙΟ ΤΩΝ ΕΥΡΩΠΑΪΚΩΝ ΚΟΙΝΟΤΗΤΩΝ
COURT OF FIRST INSTANCE OF THE EUROPEAN COMMUNITIES
TRIBUNAL DE PREMIÈRE INSTANCE DES COMMUNAUTÉS EUROPÉENNES
CÚIRT CHÉADCHÉIME NA GCÓMHPHOBAL EORPACH
TRIBUNALE DI PRIMO GRADO DELLE COMUNITÀ EUROPEE
EIROPAS KOPIENU PIRMĀS INSTANCES TIESA
EUROPOS BENDRIJŲ PIRMOSIOS INSTANCIJOS TEISMAS
EURÓPAI KÖZÖSSÉGEK ELSŐFOKÚ BÍRÓSÁGA
IL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ
GERECHT VAN EERSTE AANLEG VAN DE EUROPESE GEMEENSCHAPPEN
SĄD PIERWSZEJ INSTANCJI WSPÓLNOT EUROPEJSKICH
TRIBUNAL DE PRIMEIRA INSTÂNCIA DAS COMUNIDADES EUROPEIAS
SÚD PRVÉHO STUPŇA EURÓPSKYCH SPOLOČENSTIEV
SODIŠČE PRVE STOPNJE EVROPSKIH SKUPNOSTI
EUROOPAN YHTEISÖJEN ENSIMMÄISEN OIKEUSASTEEN TUOMIOISTUIN
EUROPEISKA GEMENSKAPERNAS FÖRSTAINSTANSRÄTT

CVRIA
LUXEMBOURG

Stampa u Informazzjoni

**KOMUNIKAT STAMPA Nru 79/05**

21 ta' Settembru 2005

Sentenza tal-Qorti tal-Prim'Istanza fil-kawżi T-306/01 u T-315/01

*Ahmed Ali Yusuf u Al Barakaat International Foundation u Yassin Abdullah Kadi vs il-Kunsill ta' l-Unjoni Ewropea u l-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej*

# IL-QORTI TAL-PRIM'ISTANZA TAGĦTI L-EWWEL SENTENZI TAGĦHA DWAR L-AZZJONIJIET MEĦUDA FIL-KUNTEST TAL-ĠLIEDA KONTRA T-TERRORIŻMU

*Il-Komunità Ewropea hija kompetenti sabiex timponi l-iffriżar tal-fondi ta' persuni fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali. Peress illi dawn il-miżuri huma meħtieġa mill-Kunsill tas-Sigurtà, fil-biċċa l-kbira ma jaqawx taħt l-istħarriġ ġudizzjarju. Dawn ma jiksrux id-drittijiet fundamentali tal-bniedem rikonoxxuti fuq livell universali.*

Skond il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, il-Kunsill tas-Sigurtà huwa responsabbli għaż-żamma tal-paċi u tas-sigurtà internazzjonali. Il-Membri ta' l-ONU għandhom iwettqu d-deċiżjonijiet tiegħu direttament u permezz tal-korpi internazzjonali li huma jiffurmaw parti minnhom.

Qabel kif ukoll wara l-attentati terroristiċi tal-11 ta' Settembru 2001, il-Kunsill tas-Sigurtà adotta diversi riżoluzzjonijiet li jikkonċernaw it-Taliban, Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al Qaida u l-persuni u entitajiet assoċjati magħhom. L-Istati Membri kollha ta' l-ONU huma mitluba jiffriżaw il-fondi u riżorsi finanzjarji oħra kkontrollati direttament jew indirettament minn dawn il-persuni u entitajiet. Kumitat tas-Sanzjonijiet huwa inkarigat li jidentifika l-persuni kkonċernati u r-riżorsi finanzjarji li għandhom jiġu ffriżati u li jeżamina t-talbiet għal deroga.

Dawn ir-riżoluzzjonijiet ġew implementati fil-Komunità permezz ta' Regolamenti tal-Kunsill[1] li jordnaw l-iffriżar tal-fondi tal-persuni jew entitajiet ikkonċernati. Dawn huma mniżżla fuq lista annessa mar-Regolamenti, li hija regolarment riveduta mill-Kummissjoni, fuq il-bażi ta' aġġornamenti mwettqa mill-Kumitat tas-Sanzjonijiet[2]. Derogi għall-ifriżar tal-fondi jistgħu jingħataw għal raġunijiet umanitarji mill-Istati.

[1] Attwalment ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 881/2002 tas-27 ta' Mejju 2002, li jimponi ċerti miżuri speċifiċi restrittivi diretti kontra ċerti persuni u entitajiet assoċjati ma' Usama bin Laden, in-netwerk ta' Al-Qaida u t-Taliban, u li jħassar ir-Regolament Nru 467/2001 (ĠU L 139, p.9).
[2] Ara, fl-aħħarnett, ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1378/2005 tat-22 ta' Awwissu 2005, li jemenda għat-tnejn u ħamsin darba r-Regolament Nru 881/2002 (ĠU L 219, p. 27)

Diversi persuni u entitajiet ikkonċernati talbu l-annullament ta' dawn ir-Regolamenti quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza[3]. Illum, il-Qorti tal-Prim'Istanza tagħti l-ewwel żewġ sentenzi tagħha minn dawn il-kawżi.

**Il-kompetenza tal-Kunsill li jimponi sanzjonijiet ekonomiċi fuq persuni**

It-Trattat KE[4] jippermetti lill-Kunsill jimponi sanzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji fuq pajjiżi terzi, meta pożizzjoni komuni adottata mill-Unjoni Ewropea taħt il-politika barranija u ta' sigurtà komuni (PBSK) tipprevedi dan.

Il-Qorti tal-Prim'Istanza hija tal-fehma li l-Kunsill huwa wkoll kompetenti, taħt kundizzjonijiet simili[5], sabiex jimponi sanzjonijiet ekonomiċi u finanzjarji, bħal l-iffriżar ta' fondi, fuq persuni fil-kuntest tal-ġlieda kontra t-terroriżmu internazzjonali.

**Il-preċedenza tad-dritt ta' l-ONU fuq id-dritt komunitarju**

Il-Qorti tal-Prim'Istanza tikkunsidra li, skond id-dritt internazzjonali, l-obbligi ta' l-Istati Membri ta' l-ONU taħt il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti jipprevalu fuq kull obbligu ieħor, inkluż l-obbligi tagħhom taħt il-Konvenzjoni Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem u taħt it-Trattat KE. Din il-preċedenza hija estiża għad-deċiżjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà.

Anki jekk mhijiex Membru ta' l-ONU, l-Komunità għandha tiġi meqjusa bħala li hija marbuta wkoll mill-obbligi li jirriżultaw mill-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, bl-istess mod kif huma marbuta l-Istati Membri tagħha, bis-saħħa ta' l-istess Trattat li jistabbilixxiha. Min-naħa, il-Komunità ma tistax tikser l-obbligi li l-Istati Membri tagħha għandhom bis-saħħa tal-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti, lanqas tostakola t-twettiq tagħhom. Min-naħa l-oħra, hija obbligata tadotta d-dispożizzjonijiet kollha neċessarji sabiex tippermetti lill-Istati Membri tagħha jikkonformaw rwieħhom ma' dawn l-obbligi.

**Il-medda ta' l-eżami tal-legalità eżerċitat f'dan il-każ mill-Qorti tal-Prim'Istanza**

Il-Qorti tal-Prim'Istanza tirrileva li r-regolament ikkontestat huwa limitat sabiex jimplementa, fuq il-livell tal-Komunità, deċiżjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà. Kull eżami tal-legalità interna ta' dan ir-Regolament jimplika għaldaqstant li l-Qorti tal-Prim'Istanza teżamina, b'mod indirett, il-legalità tad-deċiżjonijiet in kwistjoni. Issa, b'kunsiderazzjoni għar-regola ta' preċedenza msemmija iktar 'il fuq, dawn id-deċiżjonijiet ma jaqawx, bħala prinċipju, taħt l-istħarriġ ġudizzjarju tal-Qorti tal-Prim'Istanza u din mhijiex awtorizzata tikkontesta, anki jekk b'mod inċidentali, il-legalità tagħhom fir-rigward tad-dritt komunitarju jew tad-drittjiet fundamentali kif rikonoxxuti fl-ordni legali Komunitarja. Għall-kuntrarju, il-Qorti tal-Prim'Istanza hija obbligata, b'kull mezz possibbli, li tinterpreta u li tapplika dan id-dritt b'mod li jkun kompatibbli ma' l-obbligi ta' l-Istati Membri taħt il-Karta tan-Nazzjonijiet Uniti.

Madankollu, il-Qorti tal-Prim'Istanza hija awtorizzata teżamina l-legalità tar-regolament ikkontestat u, b'mod inċidentali, il-legalità tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà li dan ir-regolament jimplementa, fir-rigward tar-regoli superjuri tad-dritt internazzjonali ġenerali li jirriżultaw mill-*jus cogens*, intiż bħala ordni pubbliku internazzjonali li minnu la l-Istati Membri u lanqas l-istanzi ta' l-ONU ma jistgħu jidderogaw. B'mod partikolari, ir-regoli perentorji intiżi għall-protezzjoni universali tad-drittijiet tal-bniedem jiffurmaw parti minn dan.

**Id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti protetti mill-jus cogens**

---

[3] It-tieni grupp ta' kawzi, li qegħdin jiġu trattati, jikkonċernaw il-miżuri restrittivi meħuda mill-Komunità kontra persuni u entitajiet involuti fit-terroriżmu, iżda mhux konnessi ma' Usama bin Laden, ma' Al-Qaida u mat-Taliban u mhux speċifikament identifikati mill-Kunsill tas-Sigurtà.

[4] Artikoli 301 KE u 60 KE.

[5] Fuq il-bażi ta' l-Artikoli 301 KE u 60 KE, flimkien ma' l-Artikolu 308 KE.

Il-Qorti tal-Prim'Istanza tikkonstata li l-iffirżar ta' fondi previst mir-regolament ikkontestat ma jiksirx id-drittijiet fundamentali tar-rikorrenti, kif protetti mill-jus cogens. Fil-fatt ir-regolament ikkontestat espressament jipprevedi l-possibbiltà ta' derogi, fuq talba tal-persuni kkonċernati, sabiex ikunu aċċessibbli l-fondi neċessarji għall-ispejjeż bażiċi. Dawn il-miżuri għaldaqstant la huma intiżi u lanqas għandhom bħala effett li jissuġġettaw lir-rikorrenti għall-trattament inuman jew degradanti.

Ir-rikorrenti lanqas ma kienu ġew miċħuda, b'mod arbitrarju, mid-dritt tagħhom għall-proprjetà, safejn dan id-dritt huwa protett mill-jus cogens. Fil-fatt, l-iffriżar ta' fondi jikkostitwixxi aspett tal-ġlieda leġittima tan-Nazzjonijiet Uniti kontra t-terroriżmu internazzjonali u huwa miżura kawtelatorja li, b'differenza ta' konfiska, ma teffettwax is-sustanza stess tad-dritt għall-proprjetà tal-partijiet ikkonċernati fuq l-assi finanzjarji tagħhom, iżda biss l-użu tagħhom. Barra minn hekk, ir-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà jipprevedu mekkaniżmu ta' eżami mill-ġdid perjodiku tas-sistema ġenerali tas-sanzjonijiet u proċedura li tippermetti lill-partijiet ikkonċernati jressqu l-każ tagħhom quddiem il-Kumitat tas-Sanzjonijiet, permezz ta' l-awtoritajiet nazzjonali tagħhom, sabiex isimhom jitneħħa minn fuq il-lista ta' persuni li fir-rigward tagħhom japplikaw is-sanzjonijiet[6].

Il-Qorti tal-Prim'Istanza tikkunsidra li l-istituzzjonijiet Komunitarji ma kinux iktar obbligati li jisimgħu lir-rikorrenti, peress illi dawn m'għandhom ebda marġini ta' evalwazzjoni fl-implimentazzjoni tas-sanzjonijiet deċiżi mill-Kunsill tas-Sigurtà.

F'dak li jikkonċerna d-dritt għal rimedju ġudizzjarju effettiv, il-Qorti tal-Prim'Istanza tirrileva li, fil-kuntest tar-rikors imressaq mir-rikorrenti, hija teżerċita eżami komplut fuq il-legalità tar-regolament ikkontestat kemm fir-rigward tar-rispett, mill-istituzzjonijiet komunitarji, tar-regoli ta' kompetenza kif ukoll tar-regoli ta' legalità u tar-rekwiżiti proċedurali essenzjali li huma imposti fuq azzjoni tagħhom. Hija teżamina wkoll il-legalità tar-regolament, b'mod partikolari, mill-aspett ta' l-adegwatezza formali u materjali tiegħu, tal-koerenza interna u tal-proporzjonalità tiegħu meta mqabbel mar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà. Il-Qorti tal-Prim'Istanza għadha teżamina l-legalità tar-regolament u, indirettament, il-legalità tar-riżoluzzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà, fir-rigward tal-jus cogens.

Min-naħa l-oħra, mhijiex il-Qorti tal-Prim'Istanza li għandha teżamina indirettament il-konformità tar-riżoluzjonijiet tal-Kunsill tas-Sigurtà mad-drittijiet fundamentali kif protetti mill-ordni legali komunitarju, lanqas li tivverifika n-nuqqas ta' evalwazzjoni żbaljata tal-fatti u ta' l-elementi ta' prova li l-Kunsill tas-Sigurtà ressaq sabiex isosnti l-miżuri adottati, u lanqas, li teżamina indirettament l-adegwatezza u l-proporzjonalità ta' dawn il-miżuri. F'dan il-każ, u fin-nuqqas ta' qorti internazzjonali kompetenti sabiex tiddeċiedi fuq ir-rikorsi intiżi kontra d-deċiżjonijiet tal-Kumitat tas-Sanzjonijiet, ir-rikorrenti m'għandhom ebda rimedju ġudizzjarju.

Madankollu, din il-lakuna fil-ħarsien ġudizzjarju tar-rikorenti mhijiex fiha nfisha kuntrarja għall-jus cogens. Il-Qorti tal-Prim'Istanza tirrileva li d-dritt ta' aċċess għall-qrati mhuwiex assolut. F'dan il-każ, din tmur kontra l-immunità minn proċeduri legali li minnha jibbenefika l-Kunsill tas-Sigurtà. L-interess tar-rikorrenti li każ tagħhom jiġi mismugħ fuq il-mertu minn qorti mhuwiex biżżejjed sabiex jipprevali fuq l-interess ġenerali essenzjali li hemm sabiex tinżamm il-paċi u s-sigurtà intrnazzjonali quddiem theddida ċarament identifikata mill-Kunsill tas-Sigurtà.

Għaldaqstant, il-Qorti tal-Prim'Istanza tiċħad ir-rikorsi bħala mhux fondati.

[6] F'dan il-każ, din il-proċedura ta' eżami mill-ġdid ippermettiet li jiġu meħlusa l-fondi ta' żewġ persuni, is-Sur Aden u s-Sur Ali li, konsegwentement, irtiraw ir-rikors tagħhom quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza.

**NOTA: Appell, kontra deċiżjoni tal-Qorti tal-Prim'Istanza, limitat għal kwistjonijiet ta' dritt, jista' jiġi mressaq quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej fi żmien xahrejn minn meta din id-deċiżjoni tkun ġiet notifikata.**

*Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Prim'Istanza*

*Lingwi disponibbli: Kollha*

*It-test sħiħ tas-sentenza jinstab fuq is-sit Internet tal-Qorti tal-Ġustizzja*
*http://curia.eu.int/jurisp/cgi-bin/form.pl?lang=mt*
*Ġeneralment, dan jista' jiġi kkonsultat minn nofsinhar tal-jum li fih tingħata s-sentenza*

*Għal aktar informazzjoni, int mitlub tikkuntattja lil Christopher Fretwell*
*Tel: (00352) 4303 3355    Fax: (00352) 4303 2731*